**Commissioner for Environment and Planning**

| | |
|---|---|
| **From:** | Commissioner for Environment and Planning |
| **Sent:** | 04 December 2023 10:09 |
| **To:** | carlos.tabone@gov.mt |
| **Cc:** | oliver.magro@pa.org.mt; ivor.robinich@pa.org.mt; Sandra Caruana Sargent; mandy.gatt@pa.org.mt; kathleen.grima@pa.org.mt; amanda.fenech.1@gov.mt |
| **Subject:** | Każ Nru CEP-23-4203 |
| **Categories:** | Related to Salesforce |

**Każ Nru CEP-23-4203**

4 ta' Diċembru 2023

Is-Segretarju Permanenti
Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar

Dan l-Uffiċċju fetaħ investigazzjoni wara ilment fuq ir-regolamenti dwar skedi ta' multi (L.S. 552.25) taħt l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp.

Din l-investigazzjoni ser titratta żewġ aspetti:

1. Jekk il-massimu ta' €50,000 stabbilit f'dawn ir-regolamenti (li nħarġu għaxar snin ilu) jirriflettix iż-żmien tallum u jekk hux qed iservi bħala deterrent siewi kontra żvilupp irregolari, partikolarment bħal dak f'bini skedat u qlugħ ta' siġar. Għalkemm din il-parti tal-ilment titratta żvilupp irregolari f'Ħal Balzan (referenza tal-Awtorità tal-Ippjanar EC/00403/04 u EC/00047/12) din l-investigazzjoni ser tidħol fuq dan l-aspett minn angolu ta' natura ġenerali.
2. Jekk hux iż-żmien li dawn ir-regolamenti jindirizzaw ukoll il-problemi viġenti ta' infurzar li tħabbat wiċċha magħhom l-istess Awtorità fejn si tratta strutturi irregolari li m'humiex daqstant fissi bħal kiosks, tined u mwejjed u siġġijiet. Dan bil-possibiltà li tidħol sistema fejn wara li tingħata twissija bil-miktub kif stabbilit fl-Att, tiġi imposta multa instantanja u/jew konfiska tal-oġġetti meta l-irregolarità tippersisti.

Nitlob il-kummenti tal-Ministeru sabiex dan l-Uffiċċju jkun jista jagħmel l-aħjar rakkomandazzjonijiet fir-rigward.

Iċ-Chairperson Eżekuttiv qed jiġi kkuppjat għall-kummenti min-naħa tal-Awtorità.

Insellimlek

Alan Saliba
Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar
Uffiċċju tal-Ombudsman

Ikkuppjat: Chairperson Eżekuttiv, Awtorità tal-Ippjanar

OMBUDSMAN
COMMISSIONER FOR ENVIRONMENT AND PLANNING
11 ST. PAUL STREET VALLETTA VLT 1210
telephone: + 356 22483200 fax: + 356 21247924
direct line: + 356 22483219 e-mail: cep@ombudsman.org.mt